Nru./No. 18,403
Prezz/Price
€4.10

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 14 ta' April, 2009
Tuesday, 14th April, 2009

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

## SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 3213 - 3215
*Government Notices* ..... *3213 - 3215*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 3215 - 3237
*Employment Opportunities* ..... *3215 - 3237*

Avviżi tal-Gvern ..... 3237 - 3242
*Notices* ..... 3237 - 3242

Offerti ..... 3242 - 3277
*Tenders* ..... 3242 - 3277

Avviżi tal-Qorti ..... 3277 - 3296
*Court Notices* ..... 3277 - 3296

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 282**

### AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,400 u 18,401 tas-7 u tad-9 ta' April 2009 rispettivament.

A.L. Nru. 102 tal-2009: Att dwar is-Sigurtà tal-Ikel (Kap. 449); Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Materjali li jiġu f'Kuntatt ma' Oġġetti tal-Ikel.

A.L. Nru. 103 tal-2009: Att tal-2009 li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi (Att II tal-2009); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

A.L. Nru. 104 tal-2009: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Regoli tal-2009 li jemendaw ir-Regoli dwar Kreditu ta' Taxxa li jingħata lil Nisa li Jirritornaw għal Impjieg.

A.L. Nru. 105 tal-2009: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Kap. 437); Regoli tal-2009 dwar Sustanzi mhux Mixtieqa fl-Ikel tal-Annimali.

A.L. Nru. 106 tal-2009: Att dwar l-Estradizzjoni (Kap. 276); Avviż ta' bidu fis-seħħ tal-Ordni tal-2007 dwar l-Estradizzjoni (Stati Uniti tal-Amerika).

A.L. Nru. 107 tal-2009: Att dwar il-Kontroll tas-*Swimming Pools* (Kap. 244); Regolamenti tal-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' *Swimming Pools*.

L-14 ta' April, 2009

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 282**

### LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,400 and 18,401 of the 7th and the 9th April 2009 respectively.

L.N. No. 102 of 2009: Food Safety Act (Cap. 449); Materials in Contact with Foodstuffs (Amendment) Regulations, 2009.

L.N. No. 103 of 2009: Budget Measures Implementation Act, 2009 (Act II of 2009); Notice of coming into force.

L.N. No. 104 of 2009: Income Tax Act (Cap. 123); Tax Credit (Women Returning to Employment) (Amendment) Rules, 2009.

L.N. No. 105 of 2009: Veterinary Services Act (Cap. 437); Undesirable Substances in Animal Feeds Rules, 2009.

L.N. No. 106 of 2009: Extradition Act (Cap. 276); Commencement notice of the Extradition (United States of America) Order, 2007.

L.N. No. 107 of 2009: Swimming Pools Control Act (Cap. 244); Control of Swimming Pools (Amendment) Regulations, 2009.

14th April, 2009

**Nru. 283**

### ATT DWAR IL-BANK ĊENTRALI TA' MALTA (KAP. 204)

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 9 tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta (Kap. 204) il-Prim Ministru ħatar lis-Sur Mario Micallef CPAA, FIA bħala Direttur fuq il-Bord tal-Bank Ċentrali ta' Malta minflok is-Sur Charles J. Falzon, BA (Hons) (Econ), MBA (Strath), MITD, MIQA għal perijodu ta' ħames snin b'seħħ mit-23 ta' Marzu 2009.

L-14 ta' April, 2009

**No. 283**

### CENTRAL BANK OF MALTA ACT (CAP. 204)

IT is notified for general information that in excercise of the powers conferred in Article 9 of the Centrali Bank of Malta Act (Cap. 204) the Prime Minister has appointed Mr Mario Micallef, CPAA, FIA as Director on the Board of the Centrali Bank of Malta in lieu of Mr Charles J. Falzon, BA (Hons) (Econ), MBA (Strath), MITD, MIQA for a period of five years with effect from the 23rd March 2009.

14th April, 2009

**Nru. 284**

**L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Applikazzjoni li għandha bżonn Stima tal-Impatt Ambjentali**
**Avviż skond Artikolu 8(5) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent**
**(Avviż Legali 114 tal-2007)**

L-APPLIKAZZJONI msemmija hawn taħt teħtieġ stima tal-impatt ambjentali. L-applikazzjoni hi miġbura skont il-lokalità u tinkludi n-numru tal-applikazzjoni, it-titlu tal-iżvilupp u l-isem tal-applikant. Il-pubbliku jista' jara l-applikazzjoni hawn taħt imsemmija fl-uffiċċju tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, il-Furjana waqt il-ħinijiet tax-xogħol.

Il-pubbliku huwa mistieden jibgħat kummenti bil-miktub lid-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, St Francis Ravelin, il-Furjana FRN 1230 jew fuq l-indirizz elettroniku eiamalta@mepa.org.mt. Is-sottomissjonijiet għandu jkollhom id-dettalji tal-applikazzjoni kif jidhru hawn taħt. Il-kummenti għandhom jaslu l-Awtorità sal-4 ta' Mejju 2009.

Aktar tagħrif jinkiseb minn fuq: http://www.mepa.org.mt/EIA-Malta/mainpage.aspx

Sit fiż-Żona Industrijali ta' San Ġwann, San Ġwann — GFE 00003/09

Żvilupp ta' Technology Enterprise Park li jwassal għal-Life Sciences Centre

L-Inġ. Joseph P. Sammut u s-Sur Melvin Pellicano għall-Malta Enterprise

*Site at San Ġwann* — *GFE 00003/09*

*Development of a Technology Enterprise Centre leading to a Life Sciences Park*

Eng. Joseph P. Sammut and Mr Melvin Pellicano o.b.o. Malta Enterprise

L-14 ta' April, 2009

**No. 284**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Application that Requires an Environmental Impact Assessment**
**Notice in accordance with Section 8(5) of the Environmental Impact Assessment (2007) Regulations (Legal Notice 114/2007)**

THE following development permit application is subject to an Environmental Impact Assessment. The application is set out by locality and includes the MEPA number, title of the development and the name of the applicant. A copy of this application can be seen at the offices of the Malta Environment and Planning Authority in Floriana during office hours.

The public is invited to submit in writing any issues it wishes to see included in the Environmental Impact Assessment to the Director of Environment Protection, Malta Environment and Planning Authority, St Francis Ravelin, Floriana FRN 1230 or via email on eiamalta@mepa.org.mt. Submissions should contain details of the application as given below. All submissions are to reach the Malta Environment and Planning Authority by 4th May 2009.

More information maybe obtained from: http://www.mepa.org.mt/EIA-Malta/mainpage.aspx

14th April, 2009

**Nru. 285**

**ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)**

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

| Data | Deheb Pur Gramma | Fidda Pura Gramma |
|---|---|---|
| *Date* | *Pure Gold Grams* | *Pure Silver Grams* |
| 14. 04. 09 | €21.616 | €0.324 |

L-14 ta' April, 2009

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Post ta' *Consultant Palliative Medicine* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa)**

*Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-post ta' *Consultant Palliative Medicine* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

2. Il-ħatra tkun skont id-dispożizzjonijiet tal-ftehim kollettiv bejn il-Gvern u l-*Union*.

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u l-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa). Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata trid tagħżel bejn kuntratt A jew B mal-ħatra tagħha. Hi tkun intitolata għall-benefiċċji u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4.1. Il-persuna fil-grad ta' *Consultant Palliative Medicine*

**No. 285**

**GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT**

**(CAP. 46)**

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

| Data | Deheb Pur Gramma | Fidda Pura Gramma |
|---|---|---|
| *Date* | *Pure Gold Grams* | *Pure Silver Grams* |
| 14. 04. 09 | €21.616 | €0.324 |

14th April, 2009

PUBLIC SERVICE COMMISSION

**Post of Consultant Palliative Medicine in the Ministry for Social Policy (Health)**

*In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.*

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced medical practitioners for the post of Consultant Palliative Medicine in the Ministry for Social Policy (Health).

2. The appointment shall be made in accordance with the provisions of the collective agreement between Government and the Union.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry for Social Policy (Health). It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee shall choose between contract types A or B on his/her appointment. He/She will be entitled to such benefits and subject to such conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4.1. The appointee will form part of the Department of

tifforma parti mid-Dipartiment tal-*Oncology* u *Radiotherapy* u taqa' taħt il-*Clinical Chairperson* tad-Dipartiment tal-*Oncology* u *Radiotherapy*. Hija tkun meħtieġa li tieħu sehem fl-attivitajiet u fil-programm tat-tagħlim u t-taħriġ tad-Dipartiment tal-*Oncology* u *Radiotherapy*.

4.2. Il-persuna nominata tkun risponsabbli għat-tmexxija medika kollha tal-pazjenti taħt il-kura tagħha.

4.3. Il-persuna nominata tkun taħdem fl-Isptar Sir Paul Boffa u trid tagħmel sessjoni regolari kull xahar ta' *outpatient* fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Tkun trid iżżur lill-morda fl-isptarijiet oħra u tagħti parir dwarhom kif ikun mitlub minn konsulenti oħra.

4.4. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li tagħmel regolarment sessjonijiet speċjalizzati fic-Ċentri tas-Saħħa skont programmi approvati dwar kura fil-komunità u tista' tkun meħtieġa li tagħti servizz f'xi estensjoni futura oħra ta' servizz tas-saħħa kif provdut taħt Skema Nazzjonali komprensiva tas-Saħħa.

4.5. Meta l-persuna nominata tkun il-Konsulent fuq ix-xogħol, tista' tkun meħtieġa li tattendi għall-ħtiġiet tal-pazjenti skont l-esiġenzi tas-servizz.

4.6. Il-persuna nominata jista' jkollha l-bżonn li taqsam ir-riżorsi ma' Konsulenti eżistenti. Il-persuna nominata għandha tkun responsabbli li taċċerta li d-dixxiplina u l-prattika fis-sala (inkluż l-aspetti ta' iġjene) li jaffettwaw il-pazjent taħt il-kura tagħha, ikunu tal-ogħla livell possibbli.

4.7. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta t-twettiq ta' programm kontinwu ta' taħriġ u edukazzjoni għall-i*staff* li jieħu ħsieb il-pazjenti taħt il-kura tagħha.

4.8. Il-persuna nominata tieħu sehem fit-tagħlim u taħriġ ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif meħtieġ.

4.9. Il-persuna nominata tkun trid twaqqaf mekkaniżmu xieraq għall-assigurazzjoni ta' kwalità tas-servizz u verifika medika.

4.10. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa).

5. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea;

JEW

Oncology and Radiotherapy and will be directly accountable to the Clinical Chairperson of the Department of Oncology and Radiotherapy. He/She will be expected to take part in the activities of the Department of Oncology and Radiotherapy and to participate in its teaching and research programmes.

4.2. The appointee shall be responsible for the overall medical management of patients under his/her care.

4.3. The appointee shall be based at Sir Paul Boffa Hospital and shall hold a regular monthly outpatient clinic at Gozo General Hospital. He/she shall visit and give advice on patients at other hospitals at the request of other Consultants.

4.4. The appointee may be required to hold regular specialised clinics in the Health Centres in accordance with approved community care programmes and may also be required to provide service in any future extension of health services as provided under a comprehensive National Health Scheme.

4.5. When the appointee is the Admitting Consultant (on call) he/she may be required to attend to the needs of patients according to the exigencies of the service.

4.6. The appointee may be required to share resources with existing Consultants and firms. The appointee shall be responsible to ensure that ward discipline and practice (including aspects of hygiene) affecting patients under his/her care are of the highest possible level.

4.7. The appointee shall be responsible to ensure the implementation of an on going/continuing training and education programme in respect of the staff caring for the patients under his/her charge.

4.8. The appointee will participate in undergraduate and postgraduate teaching and training as required.

4.9. The appointee will be required to establish appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit.

4.10. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Social Policy (Health).

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skont leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom Liċenzja biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

d) ikollhom:

(i) ikollhom Ċertifikat maħruġ mill-i*Specialist Accreditation Committee* ta' Malta li t-taħriġ fil-*Palliative Medicine* huwa komplut;

JEW

(ii) ikollhom isimhom imniżżel fil-*Palliative Medicine Register;*

JEW

(iii) ikunu approvati li isimhom jitniżżel fil-*Palliative Medicine Specialist Register;*

e) ikollhom sentejn *full-time* esperjenza bħala speċjalisti fil-*Palliative Medicine*;

f) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47),* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

6. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand kandidati li m'għandhomx is-sentejn *full-time* esperjenza bħala speċjalisti fil-

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) be in possession of:

(i) certificate of completion of training in Palliative Medicine by the local Specialist Accreditation Committee;

OR

(ii) inclusion in the Palliative Medicine Specialist Register;

OR

(iii) be approved for inclusion in the Palliative Medicine Specialist Register;

e) have two years full time experience as a specialist in Palliative Medicine;

f) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

6. Applications will also be considered from candidates who are not in possession of two years full-time experience

*Palliative Medicine* kif indikat f'paragrafu 5(e) bil-kundizzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 5(a) (b) (ċ) u (d). Jekk ħadd mill-kandidati ma jissodisfa l-kundizzjoni ta' paragrafu 5(e), dan l-istess paragrafu 5(e) ma jkunx ikkunsidrat għall-kandidati kollha. Iżda, jekk saħansitra wieħed/waħda mill-kandidati jissodisfa/tissodisfa il-kundizzjoni ta' paragrafu 5(e), din l-istess kundizzjoni tiġi mitluba mingħand l-applikanti l-oħra kollha.

7.1. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand kandidati li ma jissodisfawx il-kriterji indikati f'paragrafu 5 (d) hawn fuq imma jissodisfaw il-kriterji f'paragrafi 5(a), (b) u (ċ). Dawn il-kandidati għandhom josservaw il-kriterji tal-imsemmi paragrafu 5 (d) sa mhux aktar tard minn disa' xhur mid-data tal-għeluq tal-applikazzjoni. Jekk ikunu magħżula, dawn il-kandidati għandhom jipprovdu evidenza li tissodisfa l-kriterji tal-paragrafu 5 (d) qabel ma jingħataw il-ħatra.

7.2. Persuni li japplikaw taħt dan il-paragrafu jiġu kkunsidrati biss jekk ma jkun hemm l-ebda kandidat eliġibbli taħt paragrafu 5 u paragrafu 6, sakemm ikun għad fadal vakanzi.

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2. Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9. Għandu jkollhom il-livell meħtieġ ta' kompetenza fil-*Palliative Care*.

10.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lill-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

10.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

as specialists in Palliative Medicine as indicated in paragraph 5(e) provided they satisfy the requirements stated in paragraphs 5 (a), (b), (c) and (d). If none of the candidates satisfies the provisions of paragraph 5(e) then the said paragraph 5(e) will be considered as waived for all candidates. If, however, even only one candidate satisfies the provisions of paragraph 5(e), then such provisions will be required also from all other candidates.

7.1. Applications will also be considered from candidates who are not in possession of the requirements indicated in paragraph 5 (d) above provided that they satisfy the requirements stated in paragraphs 5 (a), (b), and (c). Such candidates must however comply with the requirements of the said paragraph 5(d) by not later than nine months from the closing date of this call for applications. If selected, such candidates must obtain documentary evidence satisfying the requirements of paragraph 5 (d) before appointment.

7.2. Applicants under this paragraph will be considered only if no candidates are eligible either under paragraph 5 or under paragraph 6 provided the vacancy/vacancies is/are still available.

8.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Ministry for Social Policy (Health) and copied to the NCPD.

9. Applicants are expected to have the required level of expertise in Palliative Care.

10.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the Ministry for Social Policy (Health) by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

10.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

10.3. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (esklużi kwalifiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-*Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage*), li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilhqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

11.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

11.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.10 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, il-Palazz, Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

12. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

13. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-Impjegati (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

14. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani (Dipartiment tas-Saħħa), 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn-nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2009.

10.3. It is the responsibility of the applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/tertiary education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage) to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

11.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

11.2 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Sectretary, Public Service Commission, the Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within 10 working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

12. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

13. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Personnel Section (Health), 6, Harper Lane, Floriana.

14. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience and the names of two referees, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources (Health), 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 8th May 2009.

15. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2009 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill- applikant/a trid tasal għand il-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

16. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sal-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa). Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Il-Ministeru għall-Politika Soċjali (Dipartiment tas-Saħħa) tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

L-14 ta' April, 2009

15. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 8th May 2009 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Ministry for Social Policy (Health) by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the Ministry for Social Policy (Health) are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

16. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Ministry for Social Policy (Health) and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Ministry for Social Policy (Health) within seven days.

14th April, 2009

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Post ta' *Principal Economics Officer***
**fl-Aġenzija tal-Pagamenti**
**fil-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali**

*Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Principal Economics Officer* fl-Aġenzija tal-Pagamenti fil-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali.

2. Il-post ta' *Principal Economics Officer* għandu salarju ta' €19,290 fis-sena, li jiżdied b'€596.33 fis-sena sa massimu ta' €22,868 (Skala ta' Salarju 6).

3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligazzjonijiet li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u l-*Unions* kompetenti.

4. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali, kif ukoll fil-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali b'mod partikolari. Il-persuna magħżula tista' tiġi trasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

5. Fost affarijiet oħra, il-persuna magħżula tkun meħtieġa li :

a. tagħmel xogħol ta' riċerka;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

**Post of Principal Economics Officer**
**at the Paying Agency within the Ministry**
**for Resources and Rural Affairs**

*In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.*

The Public Service Commission invites applications for the post of Principal Economics Officer at the Paying Agency within the Ministry for Resources and Rural Affairs.

2. The salary for the post of Principal Economics Officer is €19,290 per annum, rising by annual increments of €596.33 up to a maximum of €22,868 (Salary Scale 6).

3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Malta Government and the competent Unions.

4. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service in general and the Ministry for Resources and Rural Affairs in particular and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

5. The selected applicant will be required, inter alia, to:

a. undertake research work;

b. tagħmel analiżi tal-ekonomija;

c. żżomm *data* tal-istatistika u tippreżenta rapporti ekonomiċi u dokumenti oħra;

d. twettaq xogħol ieħor li tista' tingħata minn żmien għal żmien mill-Kap tal-Aġenzija tal-Pagamenti.

6. Sal-ħin u d-data tal-għeluq għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(a) (i) ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE); jew

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(a) (i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skont leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidat/a msemmija f'(a) (ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(ċ) (i) uffiċjali pubbliċi fil-grad sustantiv ta' *Senior Economics Officer*;

jew

(ii) uffiċjali pubbliċi fil-grad sustantiv ta' *Economics Officer* li għandhom mill-anqas ħames snin prattika xierqa jew erba' snin jekk għandhom, jew ġew approvati biex jingħataw, kwalifika *post-graduate* xierqa;

jew

(iii) persuni li għandhom, jew ġew approvati biex jingħataw, kwalifika *post-graduate* ogħla xierqa (Ph.D. jew kwalifika oħra komparabbli) u għandhom tal-inqas tliet snin esperjenza f'xogħol prattiku relatat.

(d) ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47)*; filwaqt li dawk li japplikaw

b. perform economic analysis,

c. compile statistical data and present economic reports and other documents;

d. carry out any other duties as may be determined from time to time by the Head Paying Agency.

6. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(a) (i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of a candidate referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) able to communicate in the Maltese and English languages; and

(c) (i) Public Officers in the substantive grade of Senior Economics Officer;

or

(ii) Public Officers in the substantive grade of Economics Officer and having at least five years appropriate experience or four years, if in possession, or have been approved for the award, of an appropriate post-graduate qualification;

or

(iii) Persons in possession, or have been approved for the award, of an appropriate higher post-graduate qualification (Ph.D. or comparable), and having at least three years related practical work experience.

(d) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta

minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra mhux aktar kmieni minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern ta' Malta u jagħtu d-dettalji.

7.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2 Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti. Kopji tagħhom għandhom ikunu jew mehmuża mal-formola tal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament bil-posta lid-Dipartiment riċeventi mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem mid-data tal-għeluq. Kopji bl-i*scanner* mibgħuta b'mod elettroniku jkunu aċċettati.

8.2 Ċertifikati oriġinali u/jew dokumenti għandhom jintwerew waqt l-intervista.

8.3 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (eskluži kwalfiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-*Insitute for Conservation and Management of Cultural Heritage*), li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkostanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa

Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or another competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications, and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

7.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2 Representations in terms of the clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents, which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Ministry and copied to the NCPD.

8.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3 It is the responsibility of the applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/ tertiary education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage) to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the

għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.1 Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Direttorat *People Management and Support Services*, *Human Resources Branch*, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Blokk 'A', il-Furjana.

9.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq *http://www.psc.gov.mt*. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.10 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, il-Palazz, Valletta, u kkuppjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi żgurat li hija adatta għal dan il-post.

11. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mingħand id-Direttur (*People Management and Support Services*), Sezzjoni tar-Riżorsi Umani, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Blokk 'A', il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Curriculum Vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha jintlaqgħu primarjament mid-Direttur (*People Management and Support Services*), Sezzjoni tar-Riżorsi Umani, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Blokk 'A', il-Furjana, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) tal-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2009.

required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

9.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the People Management and Support Services Directorate, Human Resources Branch, Ministry for Resources and Rural Affairs, Block 'A', Floriana.

9.3 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A Press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Secretary, Public Service Commission, the Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within 10 working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:-

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the People Management and Support Services Directorate, Human Resources Branch, Ministry for Resources and Rural Affairs, Block 'A', Floriana.

12. Application forms, together with a Curriculum Vitae indicating qualifications and experience will be received in the first instance by the Director (People Management and Support Services), Human Resources Branch, Ministry for Resources and Rural Affairs, Block 'A' Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 8th May 2009.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) tal-Ġimgħa, 8 ta' Mejju 2009 jistgħu jkunu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttorat tal-*People Management and Support Services*, Taqsima tar-Riżorsi Umani, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Blokk 'A', il-Furjana, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tal-Sezzjoni huwa +356 22997878.

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn għand id-Direttur (*People Management and Support Services*).

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur (*People Management and Support Services*).

L-14 ta' April, 2009

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 8th May 2009 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the People Management and Support Services Directorate, Human Resources Branch, Ministry for Resources and Rural Affairs, Block 'A', Floriana, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Branch is +356 22997878.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director (People Management and Support Services), Ministry for Resources and Rural Affairs, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director (People Management and Support Services), Ministry for Resources and Rural Affairs, within seven (7) days.

Quot. PFI No. 651. Jarit vertical retractor.
Quot. PFI No. 652. Jarit pin cutter.
Quot. PFI No. 653. Jarit Hercules supercutter.
Quot. PFI No. 654. Bupivacaine 0.25% with adrenaline injections.
Quot. PFI No. 655. Cutotoxic reconstitution gloves sz 7½ - 8.
Quot. PFI No. 656. Chlorambucil 2mg tablets.
Quot. PFI No. 657. Hand held analogue pressure meter 0-60cm H2O.

All the above PFI's can be downloaded from http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services on any working day between 8.30 a.m. and noon.

14th April, 2009

MINISTERU GĦALL-INFRASTRUTTURA,
TRASPORT U KOMUNIKAZZJONI

Il-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni jgħarraf illi:

**Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Mejju, 2009, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-**

Kwot. Nru. MITC 316/2009. Organizzazzjoni ta' konferenzi stampa għall-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni u n-National Information Advisory Council (NISCO).

Kopja tad-dokument tal-offerta tista' titniżżel mill-*website:* www.mitc.gov.mt

Il-proposti għandhom jinxteħtu fil-kaxxa tal-offerti li tinsab fil-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, 111, Palazzo Verdelin, Triq l-Arċisqof, Valletta.

Proposti li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

L-14 ta' April, 2009

MINISTRY FOR INFRASTRUCTURE,
TRANSPORT AND COMMUNICATIONS

The Ministry for Infrastructure, Transport and Communications notifies that:-

**Sealed quotations will be received up to noon of Friday, 8th May 2009, for:**

Quot. No. MITC 316/2009. Setting up of press conferences for the Ministry for Infrastructure, Transport and Communications and The National Information Advisory Council (NISCO).

A copy of the tender document can be downloaded from the website: www.mitc.gov.mt.

Proposals are to be deposited in the tender box located at the Ministry for Infrastructure, Transport and Communications, 111, Palazzo Verdelin, Triq l-Arċisqof, Valletta.

Late submissions will not be considered.

14th April, 2009

DIPARTIMENT GĦALL-ANZJANI
U KURA FIL-KOMUNITÀ

Id-Direttur, Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità, jgħarraf illi:-

**Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Mejju, 2009, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-**

Avviż Nru. 164/09. Xogħlijiet strutturali fis-Swali tal-Irġiel 7 u 8 fir-Residenza San Vinċenz de Paule, Ħal Luqa.

Għandu jitħallas id-dritt ta' €60 fuq ġbir tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 165/09. Xogħlijiet diversi fis-sala l-ġdida tal-*lectures* - kamra *multi-purpose* fir-Residenza San Vinċenz de Paule, Ħal Luqa.

Għandu jitħallas id-dritt ta' €60 fuq ġbir tad-dokument tal-offerta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formoli preskritti li, flimkien mal-kundizzjonijiet u dokumenti oħra relevanti jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mid-Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità, 469, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-14 ta' April, 2009

DEPARTMENT FOR THE ELDERLY
AND COMMUNITY CARE

The Director, Department for the Elderly and Community Care, notifies that:-

**Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 8th May, 2009, for:-**

Advt. No. 164/09. Structural works at Male Wards 7 and 8 at St Vincent de Paule Residence, Luqa.

A payment of €60 is to be effected on collection of each tender document.

Advt. No. 165/09. Various works at the new lecture hall - multi-purpose room at St Vincent de Paule Residence, Luqa.

A payment of €60 is to be effected on collection of each tender document.

Offers should be made only on the prescribed forms, which together with the relative conditions and other documents are obtained on application at the Department for the Elderly and Community Care, 469, Triq il-Kbira San Ġużepp, St. Venera, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

14th April, 2009

MALTA EU STEERING AND ACTION
COMMITTEE (MEUSAC)

**Sejħa għall-Offerti: Kampanja Pubbliċitarja għall-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew**
***Budget*: Euros 20,000 including VAT**

L-iskop prinċipali ta' din il-kampanja pubbliċitarja huwa li jħeġġu liċ-ċittadini Maltin u Għawdxin biex jieħdu sehem fl-Elezzjonijiet tal-PE permezz ta' kampanja ġenerali imparzjali fuq it-televiżjoni li għnadha ssir bejn l-1 ta' Mejju u l-4 ta' Ġunju 2009. Din is-sejħa tistieden lill-offerenti biex jipproponu kampanja pubbliċitarja u biex jixtru l-*airspace* għax-xandir tal-materjal li l-Parlament Ewropew ħejja f'livell ċentrali li jikkonsisti fi produzzjoni ta' 30 pubbliċità ta' tletin sekonda.

Dan il-proġett huwa ffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea – DG Communication

Dawk interessati li jitfgħu offerta għandhom jibagħtu l-proposta mmarkata b'mod ċar 'Sejħa għall-Offerta: Kampanja Pubbliċitarja tal-Elezzjonijiet tal-PE'. Il-proposti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti li tinsab fil-MEUSAC, 280, Triq ir-Repubblika, Valletta, VLT 1112 mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Erbgħa 22 ta' April, 2009.

L-offerti jistgħu jitniżżlu minn fuq:www.meusac.gov.mt

L-14 ta' April, 2009

MALTA EU STEERING AND ACTION
COMMITTEE (MEUSAC)

**Call for Tender: Advertising Campaign**
**European Parliament Elections**
**Budget: €20,000 including VAT**

The primary aim of this advertising campaign is to encourage and stimulate Maltese and Gozitan citizens to participate in the EP elections through an objective and general television campaign to be realised between the 1st of May and the 4th of June of 2009. This tender calls for bidders to propose an advertising campaign and to purchase airspace for the broadcasting of the material that the European Parliament have prepared at central level consisting of a production of a 30 second advert.

This project is financed by the European Commission – DG Communication

Interested Bidders are to submit a proposal clearly marked 'Call for Tender: Advertising Campaign EP Elections'. Proposals are to be deposited in the Tender Box located at MEUSAC, 280 Republic Street, Valletta, VLT 1112 by not later than 1200 hours on 22nd April, 2009

Tenders can be downloaded from www.meusac.gov.mt

14th April, 2009

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Ir-Rettur jgħarraf illi:-

**Sal-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, l-20 ta' Mejju, 2009, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-**

Avviż Nru. UM/1246. Provvista u stallazzjoni ta' *replacement 30KVA UPS* fid-Dipartiment tal-Librerija, l-Università ta' Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' €30.00 inkluża l-VAT għal kull dokument ta' l-offerta.

Se ssir laqgħa ta' kjarifika/fuq il-post dwar l-offerta msemmija hawn fuq nhar l-Erbgħa, id-29 ta' April 2009 fid-9.00 a.m. fid-Dipartiment tal-*Estate* u Xogħlijiet, l-Università ta' Malta.

Avviż Nru. UM/1338. Kostruzzjoni u tlestija ta' Secondary Data Centre fl-Università ta' Malta.

Għandu jitħallas dritt ta' €30.00 inkluża l-VAT għal kull dokument ta' l-offerta.

Se ssir laqgħa ta' kjarifika/fuq il-post dwar l-offerta msemmija hawn fuq nhar it-Tlieta, it-28 ta' April 2009 fid-9.00 a.m. fid-Dipartiment tal-*Estate* u Xogħlijiet, l-Università ta' Malta.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-*Procurement,* id-Dipartiment tal-Finanzi, l-Università ta' Malta, l-Imsida, (Kamra 319, Bini tal-Amministrazzjoni) f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jsir il-ħlas fil-*Cash Office,* Pjan Terren, Bini tal-Amministrazzjoni, matul l-istess ħinijiet.

Il-pubbliku jista' jattendi matul il-ftuħ u l-għoti tal-offerti nhar l-Erbgħa, l-20 ta' Mejju, 2009, fl-10.15 a.m. f'Kamra 300A, Bini tal-Amministrazzjoni, l-Università ta' Malta.

L-14 ta' April, 2009

UNIVERSITY OF MALTA

The Rector notifies that:-

**Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 20th May, 2009, for:-**

Advt. No. UM/1246. Supply and installation of a replacement 30KVA UPS at the Library Department, University of Malta.

A document fee of €30.00 inclusive of VAT should be paid.

A clarification/site meeting on the above mentioned tender will be held on Wednesday, 29th April 2009 at 9.00 a.m. at the Estate and Works Department, University of Malta.

Advt. No. UM/1338. Construction and finishing of the Secondary Data Centre at University of Malta.

A document fee of €30.00 inclusive of VAT should be paid.

A clarification/site meeting on the above mentioned tender will be held on Tuesday, 28th April 2009 at 9.00 a.m. at the Estate and Works Department, University of Malta.

Tenders should be made only on the prescribed form, which together with the relative conditions and other documents may be obtained from the Procurement Section, Finance Department, University of Malta, Msida, (Room 319, Administration Building) on any working day between 8.30 a.m. and noon after having effected payment at the Cash Office, Ground Floor, Administration Building, during the same times.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders on Wednesday, 20th May, 2009 at 10.15 a.m. in Room 300A, Administration Block, University of Malta.

14th April, 2009

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Ir-Rettur jgħarraf illi:-

**Sal-10.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, is-27 ta' Mejju, 2009, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-**

Avviż Nru. UM/1204. Provvista u konsenja ta' *Development Software* lill-Università ta' Malta għall-iżvilupp, *coding* u *execution* ta' *scientific, engineering* u

UNIVERSITY OF MALTA

The Rector notifies that:-

**Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. on Wednesday, 27th May, 2009, for:-**

Advt. No. UM/1204. Supply and delivery of a Development Software to the University of Malta for the development, coding and execution of scientific, engineering

*technical algorithms, simulations, visualisation* u *real-time processing*.

Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (2007-2013) - Ninvestu fil-futur tiegħek.

Avviż Nru. UM/1343. Provvista u konsenja ta' *Electrical Systems Software Packages* għad-Dipartiment tal-*Electrical Power Conversion* fl-Università ta' Malta.

Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (2007-2013) - Ninvestu fil-futur tiegħek.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-*Procurement,* Uffiċċju tal-Finanzi, l-Università ta' Malta, l-Imsida, (Kamra 317, Bini tal-Amministrazzjoni) f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Il-pubbliku jista' jattendi matul il-ftuħ u l-għoti tal-offerti nhar l-Erbgħa, is-27 ta' Mejju, 2009, fl-10.15 a.m. f'Kamra 300A, Bini tal-Amministrazzjoni, l-Università ta' Malta.

L-14 ta' April, 2009

FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi:-

**Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, il-5 ta' Mejju, 2009, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-**

Avviż Nru. FTS 27-09. Provvista, manifattura u twaħħil ta' bibien tal-injam fuq ġewwa fl-Iskola Primarja taż-Żurrieq "Ċ".

Għandu jitħallas dritt ta' €23.00 ma' kull dokument tal-offerta.

Wieħed jista' jara ukoll id-dokumenti tal-offerta fuq il-*website* tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada: www.fts.com.mt.

Kopji tad-dokumenti relevanti jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji tal-Fondazzjoni (Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke, Tel. Nru. 21387664, *Fax* Nru. 21387660) fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-offerti għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa tal-offerti fl-uffiċċji tal-Fondazzjoni fl-indirizz imsemmi hawn fuq.

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi l-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħin u d-dati speċifikati hawn fuq.

and technical algorithms, simulations, visualisation and real-time processing.

This tender is part-financed by the European Union under the European Regional Development Fund (2007-2013) - Investing in your future.

Advt. No. UM/1343. Supply and delivery of an Electrical Systems Software Packages for the Electrical Power Conversion Department at the University of Malta.

This tender is part-financed by the European Union under the European Regional Development Fund (2007-2013) - Investing in your future.

Tenders should be made only on the prescribed form, which together with the relative conditions and other documents may be obtained from the Procurement Section, Finance Office, University of Malta, Msida, (Room 317, Administration Building) on any working day between 8.30 a.m. and noon.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders on Wednesday, 27th May, 2009 at 10.15 a.m. in Room 300A, Administration Block, University of Malta.

14th April, 2009

FOUNDATION FOR TOMORROW'S SCHOOLS

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that:-

**Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Tuesday, 5th May, 2009, for:-**

Advt. No. FTS 27-09. Supply, manufacturing and fixing of internal timber doors at Żurrieq Primary School "C".

A fee of €23.00 is to be effected on collection of the tender document.

Tender documents are available for review only on the Foundation for Tomorrow's Schools website: www.fts.com.mt.

Copies of the relevant documents may be obtained from the Foundation's offices (Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke, Tel. No. 21387664, Fax No. 21387660) on working days between 8.30 a.m. and noon.

Tenders must be deposited in the tender box at the Foundation's offices at the above mentioned address.

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the general public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

Dawk li jagħmlu l-offerta għandhom jaraw illi skond it-termini ta' Parti II u Klawsola 20 tar-Regolamenti tal-2005 (A.L. 177 tal-2005) dwar Kuntratti Pubbliċi, l-għoti tal-Offerti Dipartimentali magħmula mill-Fondazzjoni għandhom jiġu ppubblikati fin-*notice-board* (Notifika ta' Intenzjoni ta' Għoti ta' Offerti Dipartimentali).

Kull min jagħmel offerta u jista' jħossu urtat b'rakkomandazzjoni bħal din għandu jissottometti ilment uffiċjali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol (sa nofsinhar), skond il-klawsola relevanti msemmija fir-Regolamenti ta' hawn fuq.

Jinżamm id-dritt li tiġi rifjutata l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-14 ta' April, 2009

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Id-Direttur Proġetti u Żvilupp, fil-Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi:–

**Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, is-27 ta' April, 2009 fil-Ministeru għal Għawdex, Taqsima tal-*Accounts*, Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, ir-Rabat, Għawdex, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–**

Avviż Nru. WB 06/2009. Tneħħija ta' ġebel kbir minn qiegħ il-baħar fil-Bajja ta' Ħondoq ir-Rummien fil-Qala, Għawdex, mid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp, Għawdex.

Għandu jitħallas dritt ta' €10.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

L-offerti għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li, flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi, jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tax-Xogħlijiet, ir-Rabat, Għawdex, f'kull ġurnata tax-xogħol waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju.

L-14 ta' April, 2009

AĠENZIJA TA' MALTA TAL-INFORMAZZJONI U TEKNOLOĠIJA

Iċ-*Chief Executive Officer* tal-MITA jgħarraf illi:-

**Sa nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, l-20 ta' Mejju, 2009 fil-Kaxxa tal-Offerti li tinsab f'Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-**

Avviż Nru. M472/09. Provvediment ta' *Endpoint Security Management Solution* għall-MITA.

L-offerti għandhom ikunu f'*envelopes* magħluqa u mmarkati "M472/09".

Kopja elettronika tad-dokument tista' titniżżel minn fuq is-sit tal-MITA, http://www.mita.gov.mt mingħajr ħlas, waqt li kopja

All tenderers should note that as in terms of Part II and Clause 20 of the Public Contracts Regulations 2005 (L.N. 177 of 2005), the award of the Departmental Tenders made by the Foundation will be published in the notice-board (Notice of Intent of Award of Departmental Tenders).

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint within three working days (till noon), as per the relevant clause mentioned in the above Regulations.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

14th April, 2009

MINISTRY FOR GOZO

The Director Projects and Development, Ministry for Gozo, notifies that:-

**Sealed tenders will be received at the Ministry for Gozo, Accounts Section, Department of Corporate Services, Victoria, Gozo, by not later than 10.00 a.m. of Monday, 27th April 2009, for:-**

Advt. No. WB 06/2009. Removal of boulders from sea bed at Ħondoq ir-Rummien Bay in Qala by the Department of Projects and Development, Victoria, Gozo.

A fee of €10.00 is to be paid for every copy of tender document.

Tenders should be drawn out on the prescribed forms which, together with the relative conditions can be obtained from the Works Branch, By the Bastion Road, Victoria, Gozo, on any working day during office hours.

14th April, 2009

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AGENCY

The Chief Executive Officer of MITA notifies that:

**Sealed tenders will be received in the tender box at Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda, up to noon of Wednesday, 20th May, 2009, for:-**

Advt. No. M472/09. Provision of an Endpoint Security Management Solution for MITA.

Tenders should be in sealed envelopes and marked with "M472/09".

An electronic copy of the document can be downloaded free of charge from MITA website at http://www.mita.gov.

stampata tal-istess dokument tista' tinkiseb permezz ta' talba bl-*email* mibgħuta lil ssas.mita@gov.mt fuq ħlas ta' €35.

Laqgħa ta' informazzjoni se ssir l-Erbgħa, it-22 ta' April, fl-10.00 a.m. ġo Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu minn fuq numru tat-telefon 25992581, jew *email* lil ssas.mita@gov.mt

Il-ħlas għandu jsir meta jintefgħu l-offerti, u jkun pagabbli lill-MITA. Kull offerta li tintbgħat b'ċekk li ma jiġix onorat tiġi invalidata.

L-14 ta' April, 2009

mt. A printed copy can be obtained through an e-mail sent to ssss.mita@gov.mt for a fee of €35.

Briefing/Clarification meeting is scheduled at MITA Gattard House, Triq Nazzjonali, Blata l-Bajda at 10.00 a.m. on Wednesday, 22nd April, 2009.

Further information may be obtained from telephone number 25992581, or an e-mail to ssas.mita@gov.mt

Payment for a submission must be effected when submitting the tender and must be payable to MITA. A submission accompanied by a dishonoured cheque will invalidate the bid.

14th April, 2009

## KUNSILL LOKALI MELLIEĦA

Il-Kunsill Lokali Mellieħa jgħarraf illi:-

**Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, l-20 ta' April, 2009, fl-Uffiċċju tal-Kunsill, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-**

Xiri ta' poloz ta' assigurazzjoni li jipprovdu l-koperturi li ġejjin:
*Small and medium enterprise policy;*
*Group personal accident policy;*
*Electronic equipment policy.*

Id-dettalji tal-poloz meħtieġa jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, il-Mellieħa.

L-14 ta' April, 2009

## MELLIEĦA LOCAL COUNCIL

The Mellieħa Local Council notifies that:-

**Sealed tenders will be received at the Council's Office by not later than noon of Monday, 20th April, 2009, for:-**

Purchase of insurance policies that provide for the following covers:
Small and medium enterprise policy;
Group personal accident policy;
Electronic equipment policy.

Details of the required policies are obtainable from the Council's Administrative Office at 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa.

14th April, 2009

## KUNSILL LOKALI SLIEMA

Il-Kunsill Lokali Sliema jgħarraf illi:-

**Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, il-5 ta' Mejju, 2009, fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Sliema jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-**

Avviż Nru. SLC/122. Servizzi ta' *Accountancy*.

Għandu jitħallas dritt ta' €30 għal kull dokument tal-offerta.

Id-dokumenti tal-offerta jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali, Triq Depiro, Tas-Sliema, bejn it-8.00 a.m. u n-12.30 p.m.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-14 ta' April, 2009

## SLIEMA LOCAL COUNCIL

The Sliema Local Council notifies that:-

**Sealed tenders will be received at the Sliema Local Council's Office up to noon of Tuesday, 5th May, 2009, for:-**

Advt. No. SLC/122. Accountancy services.

A fee of €30 will be charged for each tender document.

Tender documents may be obtained from the Local Council's Office, Triq Depiro, Sliema, between 8.00 a.m. and 12.30 p.m.

The Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous one.

14th April, 2009

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

572

Ikun jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'digriet ta' nhar is-7 ta' April, 2009, ordnat il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid ta' Maya Alhasan li jġib in-numru 2869 tas-sena 2007, fis-sens illi fil-kolonna intestata "Isem u kunjom tal-Missier" l-isem u l-kunjom 'Mohamad Al Ali Alhasan' għandhom jiġu mħassra u sostitwiti minflok bl-isem u kunjom "Mohamad Alhasan".

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili
Illum, nhar it-Tlieta, 7 ta'April, 2009.

MARIO MIFSUD, B.A., D.L.I.S
Għar-Reġistratur,
Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

It is hereby notified that in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 7th day of April, 2009, ordered the correction of the Act of Birth of Maya Alhasan bearing number 2869 of the year 2007, in the sense that in the column entitled 'Name and Surname of the Father' the name and surname 'Mohamad Al Ali Alhasan' are to be cancelled, and written instead "Mohamad Alhasan".

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts
Today, Tuesday, 7th April, 2009.

MARIO MIFSUD, B.A.,D.L.I.S.,
F/ Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

573

B'digriet mogħti fl-10 ta' Marzu 2009, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4043/08, fl-ismijiet Dott. Mark Busuttil et vs Earth Care Company Limited, il-Qorti Ċivili Prim'Awla, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà intimata, a tenur tal-Artikolu 187(5) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 11 ta' Diċembru 2008

Lil Earth Care Company Limited
Coral Gables,
Triq San Liċinju,
Tal-Mirakli,
Ħ'Attard.

Permezz tal-preżenti Dott. Mark Busuttil u l-P.L. Veronica Rossignaud jinterpellawk sabiex minnufih tħallas drittijiet legali tagħhom bħala kuraturi deputati nominati fl-atti tal-kawża 1176/02 JA, Earth Care Company Limited vs Joseph Attard et, deċiża fit-2 ta' Lulju 2008, minn dina l-Onorabbli Qorti ammontanti għall-€1,073.06 oltre €192.31 Vat u b' kollox fl-ammont ta' €1205.37 u dana skond taxxa legali tal-Qorti Dok A.

Ħlas immedjat jevita spejjeż akbar għalik.

Ħallas ukoll l-ispejjeż tal-preżenti, fl-ammont ta' €41.29 inkluż Vat.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Mittenti: 833, High Street, Ħamrun.

By a decree given on the 10th March 2009, in the records of the judicial letter number 4043/08, in the names Dr Mark Busuttil et vs Earth Care Company Limited, the Civil Court First Hall, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent company, in terms of Article 187(5) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 11th December 2008

To Earth Care Company Limited
Coral Gables,
Triq San Liċinju,
Tal-Mirakli,
Attard.

By the present Dr Mark Busuttil and L.P. Veronica Rossignaud call upon you so that immediately pay their legal fees as deputy curators appointed in the records of the cause 1176/02 JA, Earth Care Company Limited vs Joseph Attard et, decided on the 2nd July 2008, by this Honourable Court, amounting to €1,073.06 besides €192.31 Vat and in all in the amount of €1205.37 and this according to an official Court Tax Doc A.

Immediate payment shall avoid greater expenses for you.

Pay also the costs of the present in the amount of €41.29 including Vat.

So much so that you may know how to regulate yourself.

Interpellant: 833, High Street, Ħamrun.

Intimat: Earth Care Company Limited, Coral Gables, Triq San Liċinju, Tal-Mirakli, Ħ'Attard.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' April 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Respondent: Earth Care Company Limited, Coral Gables, San Liċinju Street, Tal-Mirakli, Attard.

Registry of the Superior Courts, today 9th April 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

574

B'digriet mogħti fis-27 ta' Jannar 2009, fl-atti tar-Rikors 712/08 RCP, fl-ismijiet Middlesea Insurance plc (C 5553) vs Azzopardi Peter pro et noe, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Carmelo Azzopardi, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Middlesea Insurance plc C-5553 vs Peter Azzopardi f'ismu proprju u għan-nom tas-soċjetà Canadian Brothers Limited u Carmelo Azzopardi, fil-15 ta' Lulju 2008, ir-rikorrenti John Bonnici (ID 211869M) għan-nom tas-soċjetà Middlesea Insurance plc C-5533, talab bir-rispett għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

i. Tiddikjara li Carmelo Azzopardi ma kienx kopert bil-polza ta' assikurazzjoni imsemmija fir-rikors meta seħħ l-inċident tat-traffiku fl-24 ta' Lulju 2001 (ii) tiddikjara li Peter Azzopardi ippermetta lill-imsemmi Carmelo Azzopardi, isuq il-vettura imsemmija fir-rikors meta din ma kenitx koperta b'polza ta' assikurazzjoni u (iii) tikkundanna lill-intimati jew min minnhom jirrifondu lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' (€54,331.01) liema ammont l-istess soċjetà assikuratriċi ħallset lill John u Mary Rose konjugi Mizzi u binthom Amanda Mizzi.

ii. Bl-ispejjeż …omissis... kontra l-intimati jew min minnhom li jibqa' minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Xhieda.

Elenku tad-Dokumenti.

Rikorrenti: 222, The Strand, Gżira.

Intimat: 1. ...omissis…
2. Carmelo Azzopardi, 177, Triq Sant'Antin, San Pawl il-Baħar.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 712/2008 RCP, fl-ismijiet Middlesea Insurance plc (C 5553) vs Azzopardi Peter pro et noe jinsab differit għat 22 ta' April 2009, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' April 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 27th January 2009, in the records of the Application 712/08 RCP, in the names Middlesea Insurance plc (C 5553) vs Azzopardi Peter pro et noe, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of Carmelo Azzopardi, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Middlesea Insurance plc C-5553 vs Peter Azzopardi in his own name and in the name of the company Canadian Brothers Limited and Carmelo Azzopardi, on the 15th July 2008, the applicant John Bonnici (ID 211869M) in the name of the company Middlesea Insurance plc C-5533, asked with respect why this Honourable Court should not:

i. Declare that Carmelo Azzopardi was not covered by the insurance policy mentioned in the application, when the traffic accident occurred on the 24th July 2001 (ii) declare that Peter Azzopardi permitted the said Carmelo Azzopardi to drive the vehicle mentioned in the application when this was not covered by an insurance policy and (iii) condemn the respondents or either of whom to refund to the applicant company the sum of (€54,331.01) which amount the same insurance company paid to John and Mary Rose spouses Mizzi and their daughter Amanda Mizzi.

ii. With costs ….omissis… against the respondents or either of whom who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

Witnesses.

List of Documents.

Applicant: 222, The Strand, Gżira.

Respondent: 1. ...omissis…
2. Carmelo Azzopardi, 177, Saint Anthony Street, St Paul's Bay.

The Sworn Application number 712/2008 RCP, in the names Middlesea Insurance plc (C 5553) vs Azzopardi Peter pro et noe has been put off to the 22nd April 2009, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today the 9th April 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

575

B'digriet mogħti fis-16 ta' Marzu 2009, fl-atti tal-Mandat ta' Taħrika ta' xhieda maħruġ fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 267/06 GCD – Differita 26/5/2009, fl-ismijiet Mark & Charles (C 2010) vs Bank of Valletta plc (C 2833) il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tax-xhud Pio Camilleri (I.D. 907650M) a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Ċitazz. Nru. 267/06 GCD, fil-kawża fl-ismijiet Mark & Charles (C 2010) vs Bank of Valletta plc (C 2833) fl-10 ta' Ottubru 2008, ir-rikorrenti s-soċjetà konvenuta Bank of Valletta plc talbet bir-rispett, għall-ħruġ ta' Mandat ta' taħrik ta' xhieda, fil-kawża msemmija hawn fuq kontra l-persuna msemmija aktar l-isfel u għas-seduta u ħin indikati, u/jew iġġib magħha d-dokumenti.

Persuna biex titħarrek b'xhud: Pio Camilleri (ID Nru. 907650M)

Indirizz: 1. The Rocklands, Block 1, Apartment 13, Tower Road, Sliema.

Jum u ħin li fih għandha tidher u fejn: It-Tlieta, 26 ta' Mejju 2009 fl-10.00 a.m., quddiem il-Qorti ppreseduta mill-Onorevoli Imħallef G. Caruana Demajo, LL.D.

Dokumenti li għandha ġġib magħha.

Avukat: Avv. Dott. Dominic A. Cassar.

Prokuratur Legali. PL Francesca Scerri
Bank of Valletta plc

Illum, 10 ta' Ottubru 2008.

Ippreżentat minn PL Francesca Scerri bla dok.

Mandat għat-Taħrik ta' Xhieda.

Repubblika ta' Malta.

Lil Marixxall tal-Qrati.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 17 ta' Ottubru 2008.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 8 ta' April 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 16th March 2009, in the records of the Warrant of Summons of witness issued in the records of the Writ of Summons number 267/06 GCD - Put off 26/5/2009, in the names Marks & Charles (C 2010) vs Bank of Valletta plc (C 2833) the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the witness Pio Camilleri (I.D. 907650M) in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court, Writ of Summons Number 267/06 GCD, in the cause in the names Marks & Charles (C 2010) vs Bank of Valletta plc (C 2833) on the 10th October 2008, the applicant the defendant company Bank of Valletta plc respectfully asked, for the issuing of a warrant of summons of witness in the cause above mentioned against the person mentioned later on and for the sitting and time indicated, and/ or bring the documents.

Person to be summoned as witness: Pio Camilleri (ID No. 907650M)

Address: 1, The Rocklands, Block 1, Apartment 13, Tower Road, Sliema.

Day and time when he is to appear and where: Monday 26th May 2009, at 10.00 a.m., before the Court, presided by the Honourable Mr Justice G. Caruana Demajo, LL.D.

Documents which he is to bring.

Advocate: Adv. Dr. Dominic A. Cassar.

Legal Procurator: LP Francesca Scerri
Bank of Valletta plc

Today, 10th October 2008.

Filed by LP Francesca Scerri without document.

Warrant for the Summons of a Witnesses.

Republic of Malta

To The Marshall of the Courts.

Given by the First Hall Civil Court with the witness of the Hon. Mr Justice Giannino Caruana Demajo, LLD, Doctor of Laws.

Today 17th October 2008.

Registry of the Superior Courts, today 8th April 2009.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

576

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fit-18 ta' Marzu 2009, fuq rikors ta' Raymond Navarro ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 5 ta' Mejju, 2009 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir fil-kurituri tal-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-fond bin-numru tnejn (2) ġo Triq San Ġużepp, f'San Pawl il-Baħar, stmat li jiswa €130,500.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Raymond Navarro, Rosanna Camilleri u Nathalie Navarro kwantu għall-terz kull wieħed.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Jos M Jaccarini fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fis-17 ta' Marzu 2009.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 1 ta' April 2009.

ALAN ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on the 18th March 2009, on the application of Raymond Navarro, Tuesday, 5th May, 2009 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held in the corridors of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

Tenement numbered two (2) in St Joseph Street, St Paul's Bay, valued at €130,500.

The said tenement is the property of Raymond Navarro, Rosanna Camilleri and Nathalie Navarro as one third each party.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Jos M Jaccarini on 17th March 2009.

Registry of the Superior Courts, today the 1st April 2009.

ALAN ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

577

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fit-2 ta' April, 2009 fuq rikors ta' Bank of Valletta Plc, ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 7 ta' Mejju, 2009 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-8 ta' April 2008 li għandu jsir fil-Kurituri tal-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta.

Parti minn erbgħa u għoxrin (1/24) tas-sehem indiviż tal-fond numru dsatax (19), Long Street, Żebbuġ, stmat li jiswa €2,312.50.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Alexander Vella (KI 225170M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC David Pace fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-2 ta' Diċembru, 2008.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' April, 2009.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 2nd April 2009 on the application of Bank of Valletta Plc, Thursday 7th May, 2009 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 8th April 2008 to be held at the Corridors of the Civil Court, Republic Street, Valletta.

One part of twenty four (1/24) of the undivided share of the tenement number nineteen (19), Long Street, Żebbuġ, valued at €2,312.50

The said tenement is the property of Alexander Vella (ID 225170M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC David Pace on the 2nd December, 2008.

Registry of the Superior Courts, today the 7th April, 2009.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

578

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fil-11 ta' Diċembru 2008, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 28 ta' April, 2009 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir fil-kurituri tal-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-fond bl-isem 'Mater Dolorosa' u garaxx, Triq il-Kordin, Paola, bl-arja sovrastanti, liberu u frank, stmat li jiswa €290,000.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Alexander sive Sandro Schembri Adami (KI 488863M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Mario Cassar fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-14 ta' Awwissu 2008.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Frar 2009.

ALAN ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on the 11th December 2008, on the application of HSBC Bank Malta plc, Tuesday, 28th April, 2009 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION, to be held in the corridors of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

Tenement named 'Mater Dolorosa' and garage, Triq il-Kordin Paola, with its overlying airspace, free and unencumbered, valued at €290,000.

The said tenement is the property of Alexander sive Sandro Schembri Adami (ID 488863M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Mario Cassar on 14th August 2008.

Registry of the Superior Courts, 20th February 2009.

ALAN ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

579

B'digriet mogħti fis-16 ta' Frar 2009, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4390/08, fl-ismijiet Doris Zammit (ID 566042M) mart Carmel sive Charles, Richianne Pace (ID 946444M) (mart Guido) u Agnes Cordina (ID 579047M) (mart Anthony) vs Joseph Mercieca (ID 578351M) il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Joseph Mercieca, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 29 ta' Diċembru 2008

Lil Joseph Mercieca (ID 578351M)

Bil-presenti Doris Zammit (ID 566042M) (mart Carmel sive Charles) Richianne Pace (ID 946444M) (mart Guido) u Agnes Cordina (ID 579047M) (mart Anthony) li jiġu ħutek aħwa Mercieca, jinterpellawk sabiex fi żmien xahar mid-data tan-notifika ta' dan l-att tagħtihom resokont trasparenti, dettaljat u verifikabbli tal-amministrazzjoni tal-beni ta' missierkom Anthony Mercieca, li miet fil-25 ta' Marzu 2006, kemm qabel kif ukoll wara li kien ġie dikjarat interdett għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi permezz ta' digriet numru 484/2004, mogħti mill-Qorti Ċivili–Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja.

By a decree given on the 16th February 2009, in the records of the judicial letter number 4390/08, in the names Doris Zammit (ID 566042M) wife of Carmel sive Charles, Richianne Pace (ID 964444M) (wife of Guido) and Agnes Cordina (ID 579047M) (wife of Anthony) vs Joseph Mercieca (ID 578351M) the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Joseph Mercieca, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 29th December 2008.

To Joseph Mercieca (ID 578351M)

By the present Doris Zammit (ID 566042M) (wife of Carmel sive Charles) Ricihianne Pace (ID 946444M) (wife of Guido) and Agnes Cordina (ID 579047M) (wife of Anthony) who are your sisters, brother and sisters Mercieca, call upon you so that within one month from the service of this act you give them a transparent, detailed and an account of your administration of the property of your father Anthony Mercieca, who died on the 25th March 2006, which can be verified, both before and after he was declared interdicted for all intents and purposes of law by means of decree number 484/2004, given by the Civil Court- Volontary Jurisdiction Section.

Il-mittenti jinterpellawk sabiex sa żmien xahar mid-data tan-notifika ta' dan l-att tagħtihom resokont trasparenti, dettaljat u verifikabbli tal-amministrazzjoni tal-beni tal-wirt ta' missierkom Anthony Mercieca mill-mewt tiegħu fil-25 ta' Marzu 2006, sal-lum.

Il-mittenti jinterpellawk ukoll sabiex jekk għadek prokuratur ta' ommkom Lucia Mercieca, anke tenut kont tal-qagħda ta' sahhitha, tassikura li tamminstra l-beni tagħha b' mod trasparenti u verifikabbli sabiex ikun evitat kull disgwid fil-futur.

Fil-każ li m'għadekx prokuratur ta' ommkom Lucia Mercieca, il-mittenti jirriservaw il-pożizzjoni tagħhom.

B'effett immedjat, il-mittenti qed itemmu kull mandat jew awtorizzazzjoni bil-fomm jew bil-miktub li setgħu tawk qabel illum kemm ġenerali kif ukoll speċjali.

Jekk it-termini lilek prefissi jgħaddu inutilment, jittieħdu proċeduri ulterjuri skond il-liġi.

Tant biex tagħraf tidderiġi ruħek.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali.

Mittenti: La Madonnina, 13, Triq ir-Russett, Kappara.

Intimat: Elgin Court Nru. 3, Sqaq is-Siġra c/w Birkirkara Road, San Ġiljan.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 8 ta' April 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur,Qrati Ċivili u Tribunali

The interpellants call upon you so that within a month from the date of service of this act you give them a transparent, detailed and an account which can be verified of the administration of the property of the estate of your father Anthony Mercieca, since his death on the 25th March 2006, till this day.

The interpellants, call upon you so that if you are still the mandatary of your mother Lucia Mercieca, evcn in view of the state of her health, you ensure that you administer her property in a transparent manner and in a way that that can be verified, in order to avoid any misunderstanding in the future.

In case you are no longer a mandatary of your mother Lucia Mercieca, the interpellants reserve their position.

With immediate effect, the interpellants, are terminating any mandate or authorization both by word or in writing which they may have given before this day both general or special.

If the term fixed in your favour uselessly passes, further steps according to law will be taken.

So much so that you may know how to proceed.

With costs and legal interest.

Interpellant: La Madonnina, 13, Russett Street, Kappara.

Respondent: Elgin Court No. 3, Sqaq is-Siġra c/w Birkirkara Road, San Ġiljan.

Registry of the Superior Courts, today 8th April 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

580

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fit-3 ta' April, 2009 fuq rikors ta' AVUKAT DOTT. PAUL GAUCI MAISTRE (KI 299652M) ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 6 ta' Mejju, 2009 f'nofsinhar għall-BEJGH BL-IRKANT li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand MICALLEF BENJAMIN (KI 929749M).

Imwejjed, siġġijiet, pultruni u xi affarijiet oħra

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 9 ta' April, 2009.

MICHAEL PORTELLI BA (HONS), MA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 3rd April, 2009 on the application of AVUKAT DR PAUL GAUCI MAISTRE (ID 299652M), Wednesday, 6th May, 2009 at noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at 149, STRAIT STREET, VALLETTA of the following items seized from the property of MICALLEF BENJAMIN (ID 929749M).

Tables, chairs, armchairs and other items

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 9th April, 2009.

MICHAEL PORTELLI BA (HONS), MA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

581

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fis-27 ta' Frar, 2009 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta PLC ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 14 ta' Mejju, 2009 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT kien ġie ordnat b'digriet tas-26 ta' Frar, 2008 li għandu jsir FIL-KURITURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-fond hawn taħt deskritt.

Mezzanin b'entratura numru 27, ġa 13, u l-garaxx numerat 25, gia 12, Triq Hookham Frere, Guardamangia bl-arja tiegħu, soġġetta għal ċens annwu u perpetwu ta' €23.29 u €93.17 rispettivament, stmat li jiswa €167,750.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Patrick Spiteri (KI 43465M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Mario Cassar fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-14 ta' Awwissu, 2008.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 8 ta' April, 2009.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 27th February, 2009 on the application of HSBC Bank Malta PLC, Thursday, 14th May, 2009 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 26th February, 2008 to be held in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

Maisonette with entrance numbered 27, formerly 13, and garage numbered 25, formerly 12, Hookham Frere Street, Guardamangia, with its airspace, subject to an annual and perpetual ground rent of €23.29 and €93.17 respectively, valued at €167,750.

The said tenement is the property of Patrick Spiteri (ID 43465M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Mario Cassar on 14th August 2008.

Registry of the Superior Courts, this 8th April, 2009.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

582

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fis-17 ta' Marzu 2009, fuq rikors ta' Bank of Valletta Plc ġie ffissat il-jum tat-Tlieta 12 ta' Mejju, 2009 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-24 ta' Awwissu 2007, li għandu jsir fil-kurituri tal-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Appartament internament immarkat bin-numru (2) li jifforma parti mill-Blokk ta' apartamenti li jikkonsisti fi tliet apartamenti, mingħajr isem, bin-numru uffiċjali sebgħa u tmenin (87) qabel kien numru tnejn u tletin ittra 'A' (32A) fi Triq Luqa Briffa, Gżira, stmat li jiswa €70,000.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Mario Grima (KI 34951M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Andrew Ellul fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-18 ta' Novembru 2008.

N.B. Il-proprjetà li ser tinbiegħ f'dan l-irkant tkun liberata b'kull offerta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 8 ta' April 2009

ALAN ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on the 17th March 2009, on the application of Bank of Valletta Plc, Tuesday 12th May, 2009 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 24th August 2007, to be held in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

Apartment internally marked with number two (2) forming part of the block of apartments consisting of three apartments, unnamed with official number eighty seven (87) formerly thirty two letter 'A' (32A) in Luqa Briffa street, Gżira, valued at €70,000.

The said tenement is the property of Mario Grima (ID 34951M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Andrew Ellul on 18th November, 2008.

N.B. The property sold in this auction will be adjudicated for any offer.

Registry of the Superior Courts, this 8th April, 2009.

ALAN ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

583

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fit-12 ta' Jannar, 2009 fuq rikors ta' Lombard Bank Malta Plc ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 12 ta' Mejju, 2009 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-24 ta' Mejju 2007 li għandu jsir FIL-KURITURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-propjetà hawn taħt deskritta.

1. Il-fond garaxx numru uffiċjali tliet mija tmienja u ħamsin (358) ġa numerat tliet mija ħamsa u sittin (365) f'Main Street, Qormi stmat li jiswa €32,611.23.

2. Fond tliet mija disgħa u ħamsin (359) ġa numerat tliet mija sitta u sittin (366) f'Main Street, Qormi stmat li jiswa €121,127.42.

L-imsemmija fondi huma proprjetà ta' Henry (KI 606836M) u Maria Carmela (KI 688839M) konjuġi Montebello.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Conrad Thake fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fis-7 ta' Settembru 2007.

N.B. Il-proprjetà li se tinbiegħ f'dan l-irkant tkun liberata b'kull offerta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 8 ta' April, 2009.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 12th January, 2009 on the application of Lombard Bank Malta Plc, Tuesday, 12th May, 2009 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 24th May 2007 to be held in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

1. Tenement garage officially numbered three hundred fifty eight (358) formerly numbered three hundred sixty five (365) in Main Street, Qormi valued at €32,611.23.

2. Tenement numbered three hundred fifty nine (359) formerly numbered three hundred sixty six (366) in Main Street, Qormi valued at €121,127.42.

The said tenements are the property of Henry (ID 606836M) and Maria Carmela (ID 688839M) spouses Montebello.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Conrad Thake on 7th September 2007.

N.B. The property sold in this auction will be adjudicated for any offer.

Registry of the Superior Courts, this 8th April, 2009.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

584

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fis-6 ta' April, 2009 fuq rikors ta' BRIFFA ANTONY PRO ET NOE ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 22 ta' April, 2009 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGH BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tas-6 ta' April, 2009 li għandu jsir f'21, SUNRAY, TRIQ DUN ĠORĠ PRECA, ĦAMRUN tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand ABELA VINCENT OLIVER PRO ET NOE.

Automatic washing machine, micro wave oven, coffee table, television set, u ħafna affarijiet oħra simili.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 9 ta' April, 2009.

MICHAEL PORTELLI BA HONS MA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

